



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0252/2013**

10.7.2013

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jżid in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali  
(02074/2011 – C7-0126/2012 – 2011/0901B(COD))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Alexandra Thein

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- (III) Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	11
PROCĊEDURA.....	16



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jżid in-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali  
(02074/2011 – C7-0126/2012 – 2011/0901B(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreżentata lill-Parlament u lill-Kunsill (02074/2011),
  - wara li kkunsidra l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 254 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li skont it-termini tagħhom ġie ppreżentat l-abbozz tal-att lill-Parlament (C7-0126/2012),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u (15) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2011) 0596),
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2012,
  - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tat-30 ta' Mejju 2012,
  - wara li kkunsidra l-paragrafi 2 u 3 tar-Riżoluzzjoni Leġiżlattiva tiegħu tal-5 ta' Lulju 2012 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup> u l-Anness I tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0000/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2012)0294.

## Emenda 1

### EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW

għall-abbozz tal-Qorti tal-Ġustizzja

-----

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Protokoll dwar l-Istatut tal-

Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi

*jżid in-numru tal-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkonsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(2) tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 254 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 281 tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Eneġija Atomika, u b' mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Wara li kkonsidraw it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Wara li kkonsidraw l-opinjoni tal-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura legiſlattiva ordinarja,

Billi:

■

(5) Wara ż-żieda gradwali tal-kompetenzi tagħha minn mindu ġiet ikkostitwita, in-numru ta' kawżi li qed jitressqu quddiem il-Qorti Ġenerali qed jikber b' mod kostanti.

(6) In-numru ta' kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali *qed ikompli jżdid matul is-*

*snin*, liema fatt *fuq perjodu twil* għandu bħala konsegwenza żieda ■ fin-numru ta' kawżi pendenti quddiemha u żieda fit-tul tal-proċeduri.

- (7) Din iż-żieda fit-tul tal-proċeduri tidher li hija diffiċilment aċċettabbli fil-kontront tal-partijiet fil-kawża, b'mod partikolari fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti kemm fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.
- (8) Is-sitwazzjoni li fiha tinsab il-Qorti Ġenerali għandha kawżi strutturali li jirrigwardaw kemm l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-attivitajiet leġiżlattivi u regolamentari tal-istituzzjonijiet, organi u korpi tal-Unjoni kif ukoll il-volum u l-kumplessità tal-proċessi li jintbagħtu lill-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kompetizzjoni u tal-għajjnuna mill-Istat.
- (9) Konsegwentement, għandhom jiġu adottati miżuri sabiex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata, u l-possibilità, prevista fit-Trattati, li jiżdied in-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali, hija ta' natura li tippermetti li jitnaqqas, fi żmien qasir, kemm il-volum tal-kawżi pendenti kif ukoll it-tul eċċessiv tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.
- (9a) *Dawn il-miżuri għandhom jinkludu wkoll regolamentazzjoni li tipprovdi soluzzjoni permanenti għall-kwistjoni dwar l-Istati Membri ta' oriġini tal-Imħallfin, peress li l-arranġament attwali fejn Imhallett huwa maħtur għal kull Stat Membru ma jistax japplika għal sitwazzjoni fejn hemm iżjed Imħallfin milli Stati Membri.*
- (9b) *Skont l-Artikolu 19(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Qorti Ġenerali tinkludi mill-inqas Imhallett wieħed għal kull Stat Membru. Peress li dan jiżgura diġà bilanċ ġeografiku xieraq u rappreżentazzjoni tas-sistemi legali nazzjonali, il-ħatra ta' Mħallfin addizzjonali għandha sseħħ esklussivament abbażi tal-kompetenza professjonali u personali tagħhom, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-għarfien tagħhom tas-sistemi legali tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri. Madankollu, ma jistax ikun hemm aktar minn żewġ Imħallfin għal*

*Stat Membru wieħed,*

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qiegħed jiġi emendat kif ġej:

6a. *L-Artikolu 47(1) jinbidel b'dan li ġej:*

*'L-Artikolu 9a, l-Artikoli 14 u 15, l-Artikolu 17(1), (2), (4) u (5) u l-Artikolu 18 japplikaw għall-Qorti Ġenerali u għall-Membri tagħha.'*

7. **█** L-Artikolu 48 **█** huwa sostitwit *b'dan li ġej:*

*'Fil-Qorti Ġenerali, għandu jkun hemm Imhalledf wieħed għal kull Stat Membru u 12-il Imħallfin addizzjonali. Ma jistax ikun hemm aktar minn żewġ Imħallfin għal Stat Membru wieħed,*

*L-Imħallfin kollha għandhom l-istess status u l-istess drittijiet u obbligi.*

*Meta, kull tliet snin, l-Imħallfin jiġu parzjalment sostitwiti, nofshom jiġu sostitwiti, alternattivament, jekk hemm numru tal-Imħallfin ikun biż-żewġ; u, f'każ li n-numru ta' Mħallfin ikun bil-fard, fuq bażi alternata, numru biż-żewġ ta' Mħallfin u numru bil-fard ta' Mħallfin, jiġifieri dak in-numru nieqes wieħed, ikunu sostitwiti.'*

7a. *Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*'Artikolu 48a*

*Fir-rigward tal-Imħallfin li se jinħatru għal kull Stat Membru, huwa l-gvern tal-Istat Membru kkonċernat li jiddisponi mid-dritt tal-ħatra.'*



**7b. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:**

**‘Artikolu 48b**

- 1. L-Imħallfin addizzjonali jinħatru irrispettivament mill-Istat Membru ta' orijini tal-kandidati.**
- 2. Fil-qafas ta' proċedura għall-ħatra ta' wieħed jew aktar mit-12-il Imhalledf addizzjonali, il-Gvernijiet tal-Istati Membri kollha jistgħu jipproponu kandidati. Barra minn hekk, l-Imħallfin irtirati tal-Qorti Ġenerali jistgħu jippreżentaw il-kandidatura tagħhom huma stess bil-miktub lill-President tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.**
- 3. Fil-kuntest ta' proċedura għall-ħatra ta' wieħed jew aktar mit-12-il Imhalledf addizzjonali, il-kumitat imsemmi fl-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandu jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Imhalledf tal-Qorti Ġenerali. Il-kumitat għandu jehmeż mal-opinjoni tiegħu dwar l-idoneità tal-kandidati, lista ta' kandidati li għandhom l-aktar esperjenza ta' livell għoli xierqa, ikklassifikati skont il-mertu. Din il-lista għandu jkun fiha numru ta' kandidati li jikkorrispondu tal-anqas għad-doppju tan-numru ta' Mħallfin li se jinħatru permezz ta' ftehim komuni tal-gvernijiet tal-Istati Membri, sakemm hemm numru suffiċjenti ta' kandidati adattati.'**

**Artikolu 3**

- 1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.**
- 2. It-tmax-il Imhalledf maħtura bħala Mħallfin addizzjonali abbażi u wara d-dħul ta' dan ir-Regolament, għandhom jidħlu fil-kariga immedjatament wara li jieħdu l-**

*ġurament.*

*Il-mandat ta' sitta minn dawn l-Imħallfin magħżula bil-polza, jintemm sitt snin wara l-ewwel sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-mandat tas-sitt Imħallfin l-oħra jintemm sitt snin wara t-tieni sostituzzjoni parzjali tal-Qorti Ġenerali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ....., .....

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

*Il-President*

## NOTA SPJEGATTIVA

### 1. Id-diviżjoni tal-proċeduri legali f'żewġ partijiet

Dan ir-rapport jirrappreżenta it-tieni parti tal-proċedura leġiżlattiva dwar l-emendar tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fir-rigward wħud mill-emendi proposti, jiġifieri ż-żieda fin-numru tal-Imħallfin, deher ċar fir-rebbiegħa tal-2012 li fil-Kunsill m'hu se jintlaħaq l-ebda ftehim. Fil-prinċipju hemm qbil li n-numru ta' mħallfin jeħtieġ li jiżdied. Minħabba li n-numru ta' mħallfin addizzjonali se jkun inqas minn 27, madankollu, mhux l-Istati Membri kollha se jkunu jistgħu jaħtru mħallef addizzjonali. Għalhekk, il-kriterji tal-għażla b'mod inevitabli se jwasslu biex fil-futur, ċerti Stati Membri biss se jkunu jistgħu jaħtru żewġ Imħallfin. Il-kriterji dwar l-għażla tal-Imħallfin addizzjonali huma għalhekk kontroversjali.

Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda li jaqşam il-proposta għal Regolament f'żewġ partijiet. Il-parti li mhijiex kontroversjali b'rabta mal-emendi tal-istatut intlaħaq ftehim dwarha qabel is-sajf tal-2012 u saret liġi. Il-mira issa, fit-tieni parti ineżami, li hija tinstab soluzzjoni dwar in-numru u l-kriterji ta' għażla tal-imħallfin addizzjonali fil-Qorti Ġenerali (tal-prim'istanza).

### 2. Ammont ta' xogħol dejjem akbar fil-Qorti Ġenerali

F'dawn l-aħħar snin, l-ammont tal-kawżi indirizzati mill-Qorti Ġenerali baqa', b'mod regolari, inqas mill-ammont tal-kawżi ġodda mressqa. Konsegwentement, in-numru ta' kawżi pendenti żdied b'mod kostanti. Din it-tendenza ġiet interrotta biss fl-2012, meta kien hemm total ta' 617-il kawża pendenti filwaqt li ġew riżolti 688 kawża. B'kollox, fil-31 ta' Diċembru 2012, kien hemm eżattament 1 237 kawża pendenti. Fl-2007, 522 kawżi tressqu u 397 ġew deċiżi. Fil-31 ta' Diċembru 2007, kien hemm 1 154 kawża pendenti. Il-figuri juru, l-ewwel nett, li n-numru ta' kawżi żdied u li t-tieni, li kien hemm żieda konsiderevoli fil-produttività tal-Qorti Ġenerali minħabba r-riformi organizzattivi interni.

Minkejja l-isforzi sostanzjali tagħha, il-Qorti Ġenerali ma tiflaħx iżjed għal dan l-ammont ta' xogħol li dejjem qiegħed jiżdied. In-numri ma jurux l-għadd ta' talbiet għal proċedura mħaffa jew in-numru ta' talbiet għal miżuri proviżorji; madankollu, it-tnejn bl-istess mod huma intensivi f'termini ta' riżorsi.

Iż-żieda attwali fl-ammont tax-xogħol hija dovuta a) għaż-żieda tar-rimedji legali permissibbli; (b) għaż-żieda fil-litigazzjoni wara l-adeżjoni tal-Istati Membri fl-2004 u l-2007; (c) il-litigazzjoni li nħolqot biż-żieda, li rriżultat minn intergrazzjoni Ewropea akbar, fin-numru u l-varjetà ta' atti leġiżlattivi u regolatorji tal-instituzzjonijiet, l-entitajiet, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE; u (d) iż-żieda fil-litigazzjoni relatata mal-applikazzjonijiet għal trade mark Komunitarja. Għandu jiġi osservat li ħafna minn dawn il-kawżi msemmija ma kinux previsti.

### 3. Ir-reazzjoni tal-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali ma baqgħetx wieqfa fir-rigward ta' dan il-piż addizzjonali. L-ewwel nett, ġew emendati r-Regoli ta' Proċedura biex ikun possibbli li f'kawżi legali ta' proprjetà

intellettuali, tkun tista' tittieħed deċiżjoni mingħajr proċeduri orali; dawn il-kawżi issa jistgħu jiġu deċiżi iktar malajr.

It-tieni, fl-2007 sar ristrutturar organizzattiv fil-Qorti Ġenerali fi tmien awli differenti u f'kamra tal-appell waħda. Il-Qorti Ġenerali introduċiet ukoll sistema dinamika fir-rigward tal-ġestjoni tal-kawżi. It-tielet nett, ir-rapport għas-seduta issa qed jiġi prodott f'forma sommarja għall-kawżi kollha. Ir-raba' nett, il-President issa jista' jalloka kawżi ġodda lill-awli li diġà qed jittrattaw kawżi oħrajn li jqajmu kwistjonijiet ġuridiċi simili. Il-ħames nett, ġew introdotti metodi iktar effiċjenti għall-kompożizzjoni tas-sentenzi u d-digriet. Is-sitt nett, ġew introdotti applikazzjonijiet kompjuterizzati ġodda ta' prestazzjoni għolja li jippermettu li d-dokumentazzjoni tkun disponibbli instantanjament u jippermettu skambji immedjati bejn kabinetti u ieħor u bejn il-kabinetti, ir-reġistru u d-dipartimenti varji tal-Qorti Ġenerali.

#### 4. Soluzzjonijiet possibbli

Minkejja t-titjib proċedurali imsemmi hawn fuq, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra s-soluzzjoni strutturali bħala waħda urġenti. It-Trattati jipprevedu żewġ possibbiltajiet ta' riforma:

- (a) l-istabbiliment ta' qrati speċjalizzati;
- (b) żieda fin-numru ta' mħallfin tal-Qorti Ġenerali billi jiġi emendat l-Artikolu 48 tal-Istatut.

Matul l-ewwel parti tal-proċedura leġislattiva, il-Qorti tal-Ġustizzja rrifjutat l-istabbiliment ta' awli speċjalizzati għall-Qorti Ġenerali. L-ammont ta' xogħol tal-Qorti Ġenerali jista' jitħaffef biss billi jiżdied in-numru ta' mħallfin.

F'dan il-kuntest, fis-1 ta' Jannar 2013 ir-Rapporteur marret il-Lussemburgu, sabiex tiddiskuti dawn il-kwistjonijiet mal-President, ir-Registatur u l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali, kif ukoll mal-Presidenti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Saret laqgħa wkoll fi Brussell fl-24 ta' April 2012 dwar din il-kwistjoni.

#### 5. In-numru ta' mħallfin addizzjonali

Il-Qorti tal-Ġustizzja pproponiet li jiżdied in-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali bi tnaqqas ta' 39 imħallf. Ir-Rapporteur temmen li l-Qorti Ġenerali teħtieġ imħallfin addizzjonali. Huwa diffiċli li jiġi determinat u ġġustifikat in-numru eżatt. L-analiżi tal-Kumitat għall-Baġits<sup>1</sup> uriet li għal kull imħallfin addizzjonali, flimkien mal-ispejjeż tas-segretarji legali rispettivi, eċċ, l-ispiża annwali tkun tammonta għal madwar EUR 1 miljun. Ir-Rapporteur tikkunsidra wkoll li, fid-dawl tas-sitwazzjoni baġitarja fl-UE u l-Istati Membri, li hija iebesha ħafna, tnaqqas il-imħallf addizzjonali huma xierqa. Jeħtieġ li l-l-ġudikatura tkun f'pożizzjoni li taqdi d-dmirijiet ta' sorveljanza tagħha; u jeħtieġ li tagħmel dwan f'perjodu ta' żmien raġjonevoli. Dan huwa dak li jippretendu ċ-ċittadini sabiex jiġi salvagwardjat il-prinċipju tal-istat tad-dritt.

#### 6. Il-problema tal-għażla tal-Imħallfin

Il-Qorti tal-Ġustizzja ma esprimiet l-ebda kumment fil-proposta dwar kif l-imħallfin

---

<sup>1</sup> Opinjoni tas-27.1.2012, (Rapporteur Angelika Werthmann)..

addizzjonali għandhom jintgħażlu (qabel il-ħatra tagħhom). Tradizzjonalment, din hija materja fil-kompetenza tal-Istati Membri, billi l-Artikolu 19(2) tat-Trattat jistipula li għandu jkun hemm mill-anqas imħallef wieħed għal kull Stat Membru. Issa n-negozjati għamluha ċara li għall-Istati Membri din tikkostitwixxi kwistjoni ta' status sensitiva ħafna.

Essenzjalment, hemm żewġ soluzzjonijiet. L-ewwel nett, teżisti l-possibbiltà - kif kien il-każ s'issa - li l-imħallef jintgħażlu fuq il-abbżi tal-Istat Membru ta' oriġini. Minħabba, kif inhu deskritt qabel, mhux kull Stat Membru jista' jibgħat imħallef addizzjonali, tkun meħtieġa sistema ta' rotazzjoni.

It-tieni nett, hemm il-possibbiltà li l-imħallfin addizzjonali jiġu nominati biss abbażi tal-kompetenza professjonali tagħhom. Il-Kummissjoni hija favur dan l-approċċ.

### 7. Sistemi possibbli ta' rotazzjoni

Ir-Rapporteur temmen li hija meħtieġa soluzzjoni urġentement. Id-disponibilità rapida tal-Imħallfin addizzjonali għall-Qorti Ġenerali hija aktar importanti mill-kwistjoni dwar liema sistema ta' għażla għandha tintuża. Għaldaqstant, hija lesta tikkunsidra l-proposti kollha ta' kompromess, partikolarment mill-Qorti tal-Ġustizzja jew mill-Qorti Ġenerali. Madankollu, tixtieq tagħmel il-kummenti li ġejjin dwar iż-żewġ soluzzjonijiet.

Fil-qafas tad-diskussjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri ġie propost numru ta' sistemi differenti ta' rotazzjoni:

(a) rotazzjoni bbażata fuq ugwaljanza kompluta fejn l-Istati Membri kollha jkollhom id-dritt li jipprovdu t-tieni Mħallef ;

(b) rotazzjoni li tiddependi fuq id-daqs ta' Stat Membru. L-Istati Membri l-kbar, jipprovdu t-tieni Imħallef tagħhom iktar spiss mill-Istati Membri ż-żgħar;

(c) rotazzjoni li fiha jipparteċipaw l-Istati Membri kollha, iżda l-Imħallfin tal-Istati Membri l-kbar jinħatru għal żewġ termini ta' mandat;

(d) rotazzjoni mħallta: l-Istati Membri kbar dejjem jipprovdu t-tieni mħallef; l-Istati Membri żgħar jagħmlu dan f'ċerti waqtijiet biss;

(e) rotazzjoni 'bil-polza': għal kull imħallef addizzjonali li jrid jiġi provdut, tittella' polza li tiddetermina liema Stat Membru huwa intitolat li jaħtar Imħallef;

(f) waħda minn dawn is-sistemi msemmija hawn fuq, fejn madankollu, il-pożizzjonijiet addizzjonali ta' mħallef jinħolqu inizjalment biss għal perjodu speċifiku ta' żmien, pereżempju għal sitt snin.

### 8. Il-kriterju minsi tal-idoneità professjonali

B'mod ġenerali, għandu jiġi nnutat li l-ebda wieħed minn dawn l-approċċi ta' rotazzjoni msemmija hawn fuq ma huwa konvinċenti. L-iskop tar-regola attwalment applikata, jiġifieri li kull Stat Membru jipprovdi mħallef, huwa li jinżamm ċertu bilanċ bejn l-Istati Membri u l-

kulturi legali. Dan huwa ġustifikat sa ċertu punt.

Fl-aħħar mill-aħħar huwa kruċjali madankollu, li għall-pożizzjoni ta' mħallef ma jiġux nominati biss ġuristi adattati minn Stat Membru partikolari, iżda pjutost dawk li jidhru l-aktar xierqa mill-UE kollha. B'mod partikolari, iċ-ċittadini għandhom ikunu jistgħu joqogħdu fuq il-fatt li l-imħallfin l-iktar adattati (u mhux sempliċiment dawk adattati biss) jiddeċiedu dwar il-kwistjonijiet li jikkonċernawhom.

Dan diġà ġie stabbilit għall-għażla tal-Imħallfin fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Skont l-Artikolu 3(4) tal-Anness I tal-Istatut, il-kumitat ta' għażla rilevanti ma jipprovdi biss opinjoni dwar il-kompetenza tal-kandidati; pjuttost, il-kumitat għandu jehmeż ukoll mal-opinjoni tiegħu, lista ta' kandidati li għandhom l-aktar esperjenza ta' livell għoli adattata.

It-tnejn ta' tali lista għall-Qorti Ġenerali tista' fil-futur issir mill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 255 tat-TFUE. S'issa, il-kumitat kellu biss il-kompitu li jeżamina l-idoneità tal-kandidati nominati mill-Istati Membri. F'każijiet individwali, il-kandidati kienu ddikjarati mhux adattati. Il-Gvernijiet tal-Istati Membri mhumiex marbuta mar-rakkomandazzjonijiet tal-kumitat; madankollu sal-lum, huma dejjem segwew dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Iku fil-fatt pjuttost diffiċli li jinħatar Imħallef 'ittimbrat' bħala mhux adattat.

Lanqas ma huwa mistenni li Stat Membru b'kollox jaħtar aktar minn żewġ Imħallfin. Dan jintwera mill-esperjenzi dwar kif ġiet ittrattata l-lista tal-kandidati għat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Permezz tal-ftehim reċiproku meħtieġ skont l-Artikolu 253 tat-TFUE bejn il-Gvernijiet tal-Istati Membri, fil-każ ta' ħafna kandidati fuq il-lista meqjusa bħala l-iktar adattati minn Stat Membru partikolari, madankollu għandu jinħatar kandidat wieħed biss u l-oħrajn li jkunu fuq il-lista għandhom sempliċiment jinqabżu. Għaldaqstant, huwa wkoll meħtieġ li l-lista tinkludi iktar min-numru meħtieġ ta' kandidati.

## 9. Il-proposta tar-Rapporteur

Skont l-opinjoni tar-Rapporteur, is-sistema għandha topera kif ġej: imħallef wieħed għal kull Stat Membru għandu jinħatar taħt l-arranġamenti attwali, biex b'hekk jiġi sodisfatt ir-rekwiżit tal-bilanċ ġeografiku u jittieħed kont suffiċjenti tas-sistemi legali nazzjonali; l-Imħallfin 'addizzjonali' għandhom jintgħażlu, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, esklussivament fl-ordni tal-idoneità tagħhom; il-gvernijiet tal-Istati Membri kollha għandhom ikunu jistgħu jissottomettu nomini, li huwa oġġettivament ġustifikat u jirrifletti dak li jridu ċ-ċittadini.

Sabiex jiġi evitat li tintlefi l-esperjenza tal-Imħallfin irtirati, possibbilment minħabba li mill-perspettiva tal-Istati Membri li jibagħtu l-Imħallfin, dehru wisq indipendenti għall-Gvern tagħhom, ir-Rapporteur tipproponi li l-imħallfin irtirati għandhom ikunu jistgħu japplikaw direttament fil-kumitat bħala kandidati.

Ir-rwol futur possibbli tal-kumitat imsemmi fl-Artikolu 255 taħt dawn il-proposti kien diskuss mal-President attwali tal-kumitat, Jean-Marc Sauvé, fl-aqgħa fit-30 ta' Mejju 2013. Il-President jappoġġa ġeneralment l-idea, filwaqt li jagħmel xi suġġerimenti għal titjib li ġie indirizzat fir-rapport finali.

## 10. L-evalwazzjoni finali tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur tikkunsidra l-argumenti mressqa mill-Qorti Ġenerali bħala konvinċenti u temmen li l-ħtieġa ta' mħallfin addizzjonali hija evidenti. Huwa tassew importanti li l-Qorti Ġenerali tkun tista' taqta' sentenzi f'perjodu raġonevoli.

Il-problema l-kbira madankollu hija l-ħatra tal-imħallfin; Minħabba din il-kwistjoni, diġà nħoloq dewmien fl-ewwel tentattiv ta' leġiżlazzjoni. F'dan ir-rapport, ir-rapporteur qed tagħmel proposta speċifika li ma tqisx in-nazzjonalità tal-imħallfin addizzjonali. It-tħassib tal-Istati Membri dwar għand min għandhom imorru l-postijiet ma jistax jitħalla jkun ta' piż fuq l-istat tad-dritt fl-UE.

Fl-interess ta' ftehim rapidu, ir-Rapporteur tipproponi madankollu, li l-Parlament għandu jkunlest jikkunsidra l-proposti ta' kompromess mill-Kunsill jew mill-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba l-urġenza tal-kwistjoni dwar iż-żieda ta' mħallfin. Kull ftehim huwa aħjar minn dewmien ulterjuri. Minħabba t-tul tal-proċeduri tal-Qorti tal-lum, hemm it-theddida ta' ksur ulterjuri tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Għaldaqstant, il-kumitat jistieden lill-Kunsill iwieġeb malajr kemm jista' jkun għall-proposti inklużi f'dan l-abbozz ta' rapport, u biex l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni ma tiġix imfixkla minħabba iktar dewmien.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea billi jizzied in-numru ta' mħallfin fil-Qorti Ġenerali			
<b>Referenzi</b>	02074/2011 – C7-0126/2012 – 2011/0901B(COD)			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 12.6.2012			
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 12.6.2012			
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	AFCO 17.9.2012			
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Alexandra Thein 8.6.2012			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	18.9.2012	26.11.2012	19.3.2013	30.5.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.6.2013			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	23 1 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Raffaele Baldassarre, Luigi Berlinguer, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Antonio Masip Hidalgo, Jiří Maštálka, Alajos Mészáros, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Dimitar Stoyanov, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Tadeusz Zwiefka			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sergio Gaetano Cofferati, Eva Lichtenberger, Angelika Niebler			
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Frédérique Ries, Nikolaos Salavrakos, Jacek Włosowicz			
<b>Data tat-tressiq</b>	10.7.2013			